# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 18 ta' Frar 2002**

**Avviz. numru 1585/00**

**Numru 24**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Jacqueline Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-Korporazzjoni attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u disa u sittin lira Maltin u erba u erbghin centezmu (Lm269.44) rapprezentanti danni mill-konvenuta ikkagunati f'arblu tad-dawl propjeta tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar s-7 ta' Gunju 1999 f'Triq San Pawl, Naxxar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficajli tas-27 ta' April 2000, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali. Is-socjeta konvenuta giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak a fol 10, 11, 12, 13 u 15 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-8 ta' Frar 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm269.44,0 bl-imghax legali mis-27 ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur